# Il-Mixja tal-Imħabba

## Via Crucis



segretarjat għall-katekeżi

**Nihil obstat**
**Die 16[a] februarii, 2013**
**Sac.Hector M.Scerri**
**Cens.theol.**

**Imprimatur**
**Datum Florianae, in Curia**
**Archiepli. Meliten.**
**Die 19[a] mensis**
**februarii Ad 2013**
**+ Charles J. Scicluna,**
**Ep.tit. Sancti Leonis,**
**Vic.Gen.**

**© Sr Alexandra Chircop,fcj**
**Sezzjoni Adolexxenti**
**Segretarjat għall-Katekeżi**
**Arċidjoċesi –Malta**

# Il-Mixja tal-Imħabba

# Via Crucis

**Daħla**

Din **'Il-Mixja tal-Imħabba' –** msejħa wkoll Via Crucis, hija riflessjoni fuq it-tbatija, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej.

Fiha ħmistax-il stazzjon, inkluż dak tal-qawmien mill-imwiet tal-Mulej. F'din ir-riflessjoni nsibu qari mill-Iskrittura Mqaddsa, flimkien ma' riflessjoni fuq kull stazzjon b'sintesi mal-ħajja tagħna ta' kuljum. Wara dan f'kull stazzjon hemm pawsa għar-riflessjoni personali u talba. Lejn it-tmiem, insibu t-talb tal-għeluq, li jista' jingħad kollu jew li jintgħażlu xi talbiet minnu.

Din ir-riflessjoni: 'Il- mMixja tal-Imħabba,' tista' tiġi drammatizzata, tista' ssir bħala riflessjoni minflok jew flimkien mas-Sebat Visti li aħna tradizzjonalment nagħmlu f'Ħamis ix-Xirka jew f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu. Tista' tintuża wkoll f'kuntest ta' talb fi *prayer group*.

Il-għażla tal-*background music* u tal-kant li idealment jakkumpanjaw din ir-riflessjoni qed titħallha f'idejn minn ser juża din ir-riflessjoni.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil Mr Paul Davis minn Vancouver ġewwa l-Kanada talli ġentilment għoġbu jagħtina l-permess li nużaw ir-ritratti tal-erbatax-il stazzjon, liema ritratti nsibuhom fil-knisja ta' Notre Dame Des Champs, fin-Normandija ġewwa Franza.

Jalla din ir-riflessjoni fuq il-mixja tal-imħabba ta' Ġesù Kristu għalina tkun riflessjoni li ssaħħaħna aktar fil-fidi tagħna, tapprofondhilna aktar l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-proxxmu u tgħinna nimmaturaw aktar fl-espressjoni reliġjuża tal-fidi tagħna.

## L-ewwel Stazzjon

### Ġesù kkundanat għall-mewt




### Mill- Evanġelju skont San Mark

Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù wara li tah is-swat, tahulhom bies isallbuh. (Mk 15: 15)

**Riflessjoni**

Pilatu huwa figura tassew interessanti! Minn fommu ħarġet waħda mill-aktar mistoqsijiet profondi li għadha tidwi mad-dinja: X'inhi l-verità? Pilatu kien jaf li quddiemu kellu l-istess verità, l-awtur tal-verità. Pero' tħawwad quddiem l-għażla bejn il-verità li hija Ġesù, u l-għajta tal-massa.

Ħafna drabi jiena nistaqsi lili nnifsi: huwa sewwa li ġeneralment l-massa dejjem tirbaħ? Xi kultant, kemm hi sfida kbira li toħroġ mill-ġibda tal-massa biex tesprimi u tagħmel is-sewwa!

Ġesù, nammetti li jiena wkoll, mhux l-ewwel darba li minħabba l-mistħija, minħabba l-biża' li niġi mwarrba minn sħabi għamilt għażliet li llum inħossni nistħi dwarhom. Mhux l-ewwel darba li jiena bħal Pilatu biex ningħoġob minn ta' madwari, ħsilt idejja minkejja li kont naf li l-verità mhix dik li qed tgħajjat l-massa. Kemm–il darba ħsilt idejja biex nogħġob lill-massa? Kemm-il darba ħallejt lill-massa tiblagħni? Kemm-il darba ippreferejt nisma' mill-massa aktar milli mill-kuxjenza tiegħi? Kemm-il darba iġġustifikajt l-għażliet ħżiena tiegħi bi kliem bħal: mhux kulħadd hekk qed jgħid, mhux kulħadd hekk jagħmel?

Mhux faċli li trawwem karattru sod; tgħix bih u fih. Id-dgħufija tal-karattru hi rħisa wisq! Ġesù ħallas prezz għoli għall- irġulija tiegħu. Pilatu ħasel idu mill-verità, imma ċappashom b'demm innoċenti.

**Pawsa għar-riflessjoni personali.**

**Talba:** Mulej, għini ma nħallix lili nnifsi ninġarr mill-massa. Għini ma nkunx Pilatu ieħor quddiem il-verità. Ma rridx immewwet il-kuxjenza minħabba d-dgħufija tiegħi. Mulej, għini ma nibżax mir-realtà tal-verità. Ammen

**Glorja lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna

## Tieni Stazzjon

### Ġesù mgħobbi bis-salib



## Mill-Evanġelju skont San Ġwann

Ġesù refa' s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ 'il-Qorriegħa', bil-Lhudi Golgota. (Gw. 19: 17)

## Riflessjoni

Ħafna drabi l-ħajja ma tagħmilx sens, almenu hekk naraha jiena u naħseb li bħali jarawha bosta. Wara kollox x'jagħmel il-ħajja bis-sens,forsi n-nuqqas ta' tbatija? It-tbatija hija parti mill-ħajja. Ħadd ma jista' jaħrab minnha. Il-gwaj taż-żmienna hu li bosta jippruvaw jaħarbu t-tbatija, jaħarbu s-salib u jispiċċaw fi gwaj akbar.

Fil-ħajja hemm slaleb li nġibuhom b'idejna aħna stess minħabba l-għażliet bla sens li nagħmlu. Hemm slaleb li jgħabbuna oħrajn bihom minħabba l-egoiżmu sfrenat tagħhom. Hemm slaleb, jekk jistgħu jissejħu hekk, li jippermettihom Alla, għall-ġid tal-persuna. Pero', dawk li jippermettihom Alla, huwa, jagħtina l-għajnuna biex inġorruhom. Kemm il-bniedem ifittex u jaċċetta din l-għajnuna hija għażla tal-individwu. Alla qatt ma jippermetti xejn lill- bniedem aktar minn dak li jiflaħ għalih. Quddiem din ir-realtà  tat-tbatija l-fidi  f'Alla, u t-tama fiH għandhom rwol ċentrali.

Kemm-il darba Mulej, gergirt miegħek minħabba l-iċken tbatija li kelli ngħaddi minnha? Kemm-il darba, bi lsieni u bl-attitudni tiegħi kont u għadni ta' salib għall-oħrajn? Kemm-il darba, waħħalt fik, saħansitra ħadtha kontrik u tbegħidt minnek bl-aktar mod drastiku, għaliex fil-ħajja ġejt wiċċ imb wiċċ ma' xi saram? Kemm-il darba fit-tbatija tiegħi rrikorejt għand kulħadd u għal kollox minbarra lejk – Mulej!

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba:** Mulej, għini nagħraf x'inhu tassew is-salib tiegħi f'ħajti. Għini nħares lejh u nġorru bil-fidi. Jista' jkun li dak li qed narah bħala salib mhu xejn għajr il-mezz li bih nibqa' fidila lejk. Mulej, tħallinix naqa' fis-sentimentaliżmu, saħħaħ fija l-fidi Fik, qawwini fit-tama.

## Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti  fdejtna

## Tielet Stazzjon

### Ġesù jaqa' għall-ewwel darba taħt is-salib



**Qari minn Salm 118**

B'saħħithom kollha mbutawni biex naqa' imma l-Mulej tani l-għajnuna.

Qawwa tiegħi u għana tiegħi hu l-Mulej; hu kiengħalija s-salvazzjoni tiegħi.

(Salm 118: 13-14 )

**Riflessjoni**

L-umanità tiegħek waqgħat taħt is-salib. Ġesù waqajt biex turina kemm inti tifhem lill-bniedem meta dan jaqa' sforz id-dgħufija tiegħu. Mhux tant li wieħed jaqa' jgħodd, l-importanti li jagħmel ħiltu kollha biex jerġa' jqum.

Ġesù,int qomt u komplejt it-triq, qalb l-għajjat u l-akkużi inġusti tal-ispettaturi. Xi spettaklu hux! U jiena quddiem il-waqgħat ta' ħija u oħti, x'nagħmel; nogħxa bid-daħk; inċapċap bil-ferħ; norbot idejja u nibqa' nħares b'mod indifferenti? X'nagħmel?

La ma kontx int li waqajt,ħalli għalik li titkaża bit-tkaxkira ta' ħaddieħor. Tippriova tiskolpi ruħiek b'elf skuża. Bniedem dgħajjef li int, ma tafx li l-waqgħa ta' ħuk illum tista' tkun il-preludju tal-waqgħa tiegħek għada! Imbagħad naraw l-ispettaklu kif sa jkompli u x'sa jagħmlu l-ispettaturi – dawk li sa ftit ilu kont f'nofshom int ukoll! Min jaf kieku kont int l-protagonista ta' dan l-ispettaklu, kemm kont tixtieq u tistenna atteġjamenti differenti minn ta' madwarek!

Mulej, jiena mhux l-ewwel darba waqajt! F'kull waqgħa tgħallimt li l-aktar ħaġa importanti hi li nagħmel kuraġġ, li nħares lejk u mill-ġdid nerġa' nqum. Mhux faċli. Meta naqa' aktar insib min jitħassarni u jfissidni milli nsib min jipprova jgħini biex inqum. Forsi hawn min jippreferi li jibqa' jfissidni fil-waqgħa tiegħi, għax jibża' minni u mill-onestà tiegħi jekk nerga' nqum. Mulej, ħadd ma jista' jqum waħdu, bilfors irid jirrikorri għall-għajnuna kemm tiegħek u kemm ta' ħutu l-bnedmin. Mulej għandna bżonn xulxin, fil-ferħ u fil-għali.

**Pawsa għar-riflessjoni personali.**

**Talba**: Għini Mulej sabiex ma nkunx biss sempliċi spettatur quddiem il-waqgħat ta' ħuti, imma nipprova nwiżinnhom flimkien miegħek. Mulej,imlieni bil-kuraġġ, saħħaħ id-dgħufija tiegħi. Ammen

**Glorja lill-Missier u lill-Ibenu lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna

**Ir-Raba’ Stazzjon**

**Ġesù jiltaqa’ m’ommu Marija**



**Mill-Evanġeliju skont San Luqa**

Xmun berikom u qal lil ommu Marija: ‘Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta’ ħutna f’Iżrael; se jkun sinjal li jmerruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! – biex jinkixfu l-ħsebijiet moħbija fil-qlub ta’ ħafna.’

(Lq 2: 34-35)

## Riflessjoni

Fit-tbatija tiegħu, omm Ġesù ma dawrietx wiċċha, ma nsietux, ma ċaħditux, ma waqqagħtux għaċ-ċajt, ma ppruvatx tiskolpa ruħha u tgħid man-nies, jien rabbejtu tajjeb, ftaħtlu għajneh kemm-il darba issa ħalli jieħu dak li żera'.

Ommna Marija, ma għamlet xejn minn dan, baqgħet fidila lejn binha, imxiet miegħu t-triq kollha tas-salib, imxiet miegħu bl-imħabba l-mixja tal-imħabba. Fil-mixja tiegħu, Ġesù iltaqa' ma' ommu. M'hemmx bżonn ta' kliem. Quddiem tbatija kbira u mħabba hekk qawwija, il-kliem hu fqir wisq.

Il-Madonna ma stħadtx minn binha, kienet taf li umanament Ġesù kellu bżonn jaraha, kellu bżonn iġedded il-kuraġġ tiegħu. Ġesù, l-iben ta' Alla, magħmul bniedem, f'dawk il-mumenti laqa' b'għożża lil ommu.

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba:** Mulej, agħti l-għajnuna lill-ommijiet kollha sabiex jibqgħu jħobbu lil uliedhom sal-aħħar. Għin lil ulied sabiex qatt ma jabbandunaw lill-ġenituri tagħhom. Ammen

**Glorja lill-Missieru u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

**Il-Ħames Stazzjon**

**Xmun iċ-Ċirinew jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib**



**Mill-Evanġelju skont San Luqa**

Huma u sejrin bih, qabdu wieħed jismu Xmun minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba' u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù. (Lq. 23: 26)

**Riflessjoni**

Ir-rwol ta' Xmun iċ-Ċirinew f'din il-mixja tal-imħabba, tassew jaffaxxinani, u dan għal diversi raġunijiet. Nistħajlu kien bniedem li jżomm lura, forsi fiċ-ċirkustanzi li kien fihom kellu raġun jagħmel hekk. Ma ħassux li kellu jivvolontarja biex jerfa' s-salib ta' Ġesù – madankollu, ġie mqabbad jagħmel dan. U għamlu! Meta qabad il-patibolu, ma ġeriex bih, waslu, ħeles u telaq 'l hemm, imma mexa bil-pass ta' Ġesù ma' Ġesù. X'paċenzja! Iċ-Ċirinew, fil-għajnuna tiegħu lil Ġesù kien espost għar-ridikolaġni tal-massa, bħalma kien Ġesù. U ċ-Ċirinew baqa' miexi bil-pass ta' Ġesù ma' Ġesù, sakemm Ġesù stejqer u kompla t-triq waħdu.

Kemm-il darba nisimgħu l-espressjoni, nimxu mal-adolexxenti u maż-żgħażagħ minn fejn qegħdin; imma nistaqsi: għandna l-paċenzja spiritwali li nimxu magħhom pass pass, bil-waqfiet u bil-pawsiet kollha li jagħmlu fil-ħajja tagħhom?

Xmun iċ-Ċirinew hu mudell ta' din il-paċenzja spiritwali.

**Pawsa għar-riflessjoni personali.**

**Talba:** Mulej Ġesù agħtini dik l-paċenzja spiritwali li nagħraf Int xi trid minni, li nimxi flimkien miegħek il-mixja spiritwali ta' ħajti. Li nimxi ma' ħuti speċjalment l-adolexxenti u żgħażagħ bil-pass tagħhom, li nwiżinhom jimxu fit-triq li tridhom Int u mhux fejn u kif irid jien.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

.

## Is-Sitt Stazzjon

### Il-Veronika tixxotta l-wiċċ ta’ Ġesù



### Mill-Evanġelju skont San Mattew

Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk? U s-sultan iweġibhom u jgħid:’ Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma’ wieħed mil-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.’  (Mt 25: 38-40)

## Riflessjoni

Il-ġrajja tal-Veronika ma nsibuhiex miktuba fl-Evanġelju, nafu biha permezz tat-tradizzjoni. Madanakolu, l-esperjenza ta' din il-mara minn dejjem inżammet b'rispett mill-Knisja minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Il-Veronika; x'meravilja ta' mara! Ħadd ma jaf eżatt isimha, ġiet imsejħa l-Veronika għaliex fuq il-maktur li bih ixxuttat wiċċ Ġesù baqgħet stampata vera ikona tal-wiċċ imqaddes tiegħu. Kienet mara veru unika fil-kuraġġ tagħha, fir-rispett tagħha lejn Ġesù, fl-imħabba u fil-fedeltà tagħha lejh. Ma beżgħetx mill-folla, ma beżgħetx li tiġi assoċjata Miegħu, ma beżgħetx li wara din l-esperjenza tiġi mgħajra u mwarrba min-nies. Il-qawwa tal-fedeltà u tal-imħabba hija profonda wisq. Il-Veronika hi mudell ta' dan kollu.

Kemm-il darba Mulej, nibża' nagħmel il-ġid lil xi ħadd imwarrab mis-soċjetà għaliex nibża' li b'assoċjazzjoni miegħu/magħha s-soċjetà twarrab lili? Kemm-il darba xtaqt li noħroġ għonqi għal xi ħadd batut, imma bżajt mill-għidut tan-nies!? Faċli nippritkaw li f'kull bniedem hemm ix-xbieha ta' Alla, hekku fil-fatt, imma fir-realtà kemm hu diffiċli li bħal Veronika toħroġ minn qalb il-folla, tħalli l-massa warajk u tipprova tixxotta d-dmugħ ta' ħuk muġugħ, imwarrab, mgħajjar, diskriminat, ħuk ta' kulur, twemmin, razza u kultura differenti? Daqskemm hu faċli li ddaħħal idejk fil-but u tagħti l-flus għal ħuk fil-bżonn, daqstant ieħor huwa diffiċli li toħroġ il-maktur, tħares f'għajnejh u tixxuttalu d-dmugħ tal-ugigħ tiegħu. Il-Veronika għandha ħafna x'tgħallimna. Hija kienet tassew mara bis-sens!

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba:** Mulej, inħossni dgħajjef wisq quddiem il-kuraġġ tal-Veronika. Ngħir għar-rieda soda tagħha, ngħir għall-imħabba qawwija tagħha. Nemmen ħafna fis-solidarjetà, imma nibża' nbati f'ġieħ is-solidarjetà. Mulej, għini fin-nuqqas ta' kuraġġ tiegħi.

**Glorja lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**.

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

## Is-seba’ Stazzjon

### Ġesù jaqa’ għat-tieni darba



## Qari minn Salm 31

‘Ħenn għalija Mulej, għax ninsab fil-hemm,

Nfnew għajnejja minħabba d-dwejjaq, ruħi wkoll u l-ġewwieni tiegħi.

Nfniet ħajti bil-għali;

Minħabba fil-hemm naqsitni saħħti,

U tmermer għadmi kollu.’ (Salm 31: 10-11)

**Riflessjoni**

Erġajt waqajt Ġesù. Għajjien, imfarrak bit-torturi. Tbati bla ħtija. Tbati għall-imħabba minkejja li taf li bosta mhux biss mhux ser jirrikonoxxuha imma saħansitra ser jirridikolawha. Waqajt minħabba l-għeja fiżika u mhux għax għajjejt tħobb.

Kemm-il darba fil-mixja tal-ħajja naqa' wiċċi mċaftar fit-trab u t-tajn tal-ħajja? Hemm diversi affarijiet li jimbuttawni biex naqa', fosthom is-suppervja tiegħi, il-qtugħ ta' qalb mill-ħajja, in-nuqqas ta' fiduċja fik Mulej. L-agħar ħaġa hi meta nħossni mbuttat minn persuni li mingħalija jixtiequli l-ġid. Meta naqa' ninduna li mhux talli ma jixtiqulix ġid, imma fil-waqgħa tiegħi ħadd minnhom ma ftakar fija. X'rabja taqbadni, x'dieqa! Fejn hi l-ħbiberija? Spiss jiftaħru li huma ħbieb tiegħi, il-*facebook* mimli bihom, imma sal-*facebook* jaslu! Bosta jitħassruni, jibdew jitkellmu fuq l-esperjenza qarsa tiegħi, wara ftit jinsewni u jerggħu jibdew ipaċpċu fuq mitt elf ħaġa. Nammetti, mhux kulħadd huwa hekk. Hawn ħafna tajjeb ukoll. Fid-dinja ssib minn kollox!

U jien! Kważi, kważi nippreferi nibqa' mċaftra mal-art milli nipprova niggranfa miegħek O Mulej u nqum. Nibża' nqum għax nibża' mir-realtà tal-ħajja. Fil-verità nibża' mill-isfidi tal-imħabba. Imma int Ġesù, qomt, bi tbatija, wiċċek kollu sfigurat mill-uġigħ tal-imħabba, qomt u komplejt il-vjaġġ tiegħek...komplejt il-mixja tal-imħabba.

**Pawsa għar-riflessjoni personali**

**Talba.** Ġesù, din it-tieni waqgħa tiegħek timlieni bil-kuraġġ. Min jaf kemm-il darba għad irid naqa' fil-ħajja tiegħi! Mulej, saħħaħ fija l-fidi fik, neżżagħni mis-suppervja tiegħi, mill-ġudizzju tiegħi fuq l-oħrajn, għini nemmen fik u fija nnifsi ħalli Bik miegħi nerga' nqum u nerġa' nibda nħobb minkejja t-tradimenti kbar u żgħar li nġarrab l-aktar mingħand dawk l-aktar viċin tiegħi. Għini Mulej, inkompli nemmen fl-imħabba.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti  fdejtna.

## It-Tmien Stazzjon

### Ġesù jikkonforta lin-nisa ta' Ġerusalemm



**Mit-Tieni Ittra ta' San Pawl lill-Korintin**

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fid-dwejjaq kollha tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' dwejjaq. (2Kor1: 3-4)

**Riflessjoni**

Bosta kienu li tħassruh, oħrajn bkew xħin rawh f'dik is-sura, oħrajn baqgħu mibluha: bosta bdew jgħidu: kif jista' jkun dan kollu, dan mhux dak li qajjem lil Lazzru mill-mewt,li temgħana ħobż bix-xebgħa; x'għamlilhom biex wassluh sa hawn? Min kien rasu f'postha kien jaf li Ġesù hu bla ħtija.

U Ġesù, quddiem dan kollu, lil dawk in-nisa kkonfortahom, fehem d-dubji tagħhom, fehem in-niket tagħhom għalih. Fehem ukoll li kien hemm xi wħud li riduh għall-mirakli u għall-għeġubijiet li għamel aktar milli għax emmnu fih u fi kliemu. Madankollu, xorta, Ġesù kkonfortahom għax fehem l-umanità tagħhom u għadirha..

In-nisa ta' Ġerusalemm, kienu jafu li l-konfort tiegħu hu ġenwin, li l-konfort tiegħu ħadd mhu ser jeħodulhom. Ġesù nesa t-tbatija tiegħu u ħaseb fl-oħrajn. X'imħabba!

Mulej, din ir-realtà taħsadni, tregħidni minn ġewwa. Nieħu gost biż-żegħil, nieħu gost niġbed ftit attenzjoni fuqi, nieħu gost nitfissed xi ftit, anzi nippretendi li niġi kkonfortat fid-dwejjaq tiegħi. Taħseb li xi kultant tippretendi wisq mill-oħrajn f'mumenti iebsin? Aħseb ftit.

Inti taħsadni Mulej! Tħallini bla kliem! Qed tisfidani Mulej, biex ninsa lili nnifsi, biex ninsa l-fsied tiegħi u mmur ħdejn ħija u oħti li huma aktar batuti minni. Ma jfissirx li inti, Ġesù, tridni niċħad it-tbatijiet tiegħi, xejn minn dan, anzi, tridni li għax nifhem l-uġigħ tat-tbatija, immur minn jeddi għand ħuti l-batuti u noffrilhom imħabbti, noffrilhom li flimkien miegħek Ġesù nimxu t-triq tal-imħabba. Tassew taħsadni Mulej!

**Pawsa għar-riflessjoni personali.**

**Talba**: Mulej għini nirealizza li meta ninsa lili nnifsi u nersaq lejn ħuti, l-ferħ li inti tnissel fija ħadd u xejn ma jeħodhuli. Kemm hu ikrah l-egoiżmu! Kemm hu ikrah meta noqgħodu nilagħbuha tal-vittma! Ġesù,għini negħleb l-egoiżmu tiegħi.

**Glorja lill-Missier, lill-Iben u lil-Ispirtu Santu...eċċ.**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

**Id-Disa’ Stazzjon.**

**Ġesù jaqa’ għat-tielet darba**



**Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija**

[Il-Mulej] hu li jagħti l-qawwa lill-għajjien, u jkattar il-qawwa lil min hu bla saħħa. Jintelqu ż-żgħażagħ u jegħjew, fl-aħjar tagħhom jogħtru l-irġiel. Imma dawk li jittamaw fil-Mulej jieħdu saħħithom... ( Iżaija 40: 29-31a)

**Riflessjoni**

Erġajt waqajt Ġesù; it-tielet waħda din. Kulħadd jaf bihom dawn it-tliet waqgħat! Min jaf kemm kien hemm aktar. Donnu dawn it-tlieta kienu xi ftit goffi aktar mill-oħrajn.

It-tliet waqgħat tiegħek juruni li l-ħajja hija mimlija tlugħ u nżul. Fir-realtà l-ħajja mhix xi *fairytale,* għandha ħafna mumenti sbieħ, jekk naħdmu għalihom, imma fiha wkoll l-isfidi tagħha. Għal xi wħud il-waqgħat huma fallimenti, fil-verità mhumiex, għall-bniedem matur huma okkażjonijiet ta' riflessjoni profonda. L-akbar suċċessi fil-ħajja kważi kollha ġew wara l-akbar waqgħat. Kollox jiddependi kemm il-bniedem jafda f'Alla, ikun umli biżżejjed biex jitlob l-għajnuna, jaċċettaha, iqum u jkompli miexi.

L-umiltà hija ċ-ċavetta ta' dawk li ħallew id-dinja aħjar milli sabuha. L-akbar ġenji tad-dinja kważi kollha ġew umiljati f'ħajjithom. Bl-umiltà tagħhom qed ingawdu dinja aħjar. Il-kburin farrku d-dinja u qerdu l-umanità.

X'umiljazzjoni, Ġesù, erġajt waqajt. Quddiem l-umiltà tiegħek inħossni nistħi. Ġesù l-umiltà tiegħek tkexkixni. Kemm għadni lura Mulej fil-ħajja spiritwali tiegħi!

Madankollu fil-fond ta' qalbi nħossok tgħidli, agħmel kuraġġ, jiena miegħek dejjem, jekk inti tridni.

**Pawsa għar-riflessjoni personali**

**Talba:** Mulej,kemm huma iebsin l-umiljazzjonijiet! Kemm nibza' minnhom! Ġesù għini negħleb din il-biża'; tħallini qatt inwarrab il-ħarsa tiegħi minn fuqek, tħallini qatt nimtela tant bija nnifsi li ninsiek.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

## Il-Għaxar Stazzjon

### Ġesù mnezza' minn ħwejġu



### Mit-Tieni ittra ta' San Pawl lill-Korintin

Iżda hu weġibni:'Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; ghax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef'. Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bod-debulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija. Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi. ( 2Kor.12: 9-10

**Riflessjoni**

Neżżgħuk Ġesù. Issa għeri għalkollox. U huma jħarsu lejk. Min staħa minnek, min beda jidħaq, min kien indifferenti, min kompla jirridikolak. Kemm kont vulnerabbli; espost għal għajnejn kulħadd. Hekk riedu, hekk għamlu. Neżżgħuk.

Kemm-il darba f'ħajti bi kliemi, b'għemili, bl-istrateġiji tiegħi neżżajt nies mid-dinjità tagħhom? Sraqtilhom l-isem tajjeb li kellhom ma' sħabhom u fis-soċjetà, sraqtilhom il-ħobża ta' kuljum, sraqtilhom il-gost li kienu qed jieħdu f'ħidma għal qalbhom, sraqtilhom il-ħbieb. Hawn ħafna li huma tassew makakki, li waqt li jkunu qed ineżżgħuk, xorta jibqgħu juru atteġjamenti ta' ħbiberija; forsi wkoll fl-innoċenza tiegħek tkun qed tiftaħ qalbek magħhom u turihom bis-saram tiegħek. U huma jkunu qed jaħdmu minn taħt kontrik! Kemm maskli!

Nisimgħek tgħidli, l-azzjoni m'għamiltix jien, jista' jkun li mhux dejjem direttament kont int, però naf li tassew għandek tattika kif titfa' l-ġebla u taħbi jdejk. Nistaqsik: min hu l-aktar l-vulnerabbli: l-għeri jew int? Huwa int, għaliex għall-ambizzjoni tiegħek għamilt azzjonijiet li bihom tbaxxejt sal-qiegħ tal-art. L-azzjoni hi ta' min jagħmilha u mhux ta' min jirceviha. Min hu għeri mir-irġulija faċli jneżża' lil ħuħ mid-dinjità tiegħu

It-tajba hi, li wara li neżżajthom u qgħadt tħares lejn l-għera tagħhom. kont minn tal-ewwel li mort tfarrağhom u tgħidilhom, agħmlu kuraġġ, afdaw fil-Mulej! X'wiċċ għandek! Maskli biss! Faċli li tneżża' lil xi ħadd, kemm hu diffiċli li terga' tlibsu.

**Pawsa għar-riflessjoni Personali**

**Talba.**. Kemm hi kerha l-għira Mulej! Mulej, għini nikkontrolla l-għira li hemm ġo fija. Id-dgħajjef jitfa' l-ġebla u jaħbi idu! Mulej,tħalli xejn li jneżżagħni mill-imħabba sinċiera lejk u lejn ħuti.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lil-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

## Il-Ħdax-il Stazzjon

### Ġesù msallab mas-salib




### Mill-Evanġelju skont San Luqa

Kien hemm ukoll tnejn oħra, żewġt irġiel ħatja li ħaduhom għall-mewt miegħu. Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, salbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: 'Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu.' (Lq. 23: 33-34 )

## Riflessjoni

Issa kuntenti Mulej, fl-aħħar sallbuk. Ħasbu li rebħu! Imsieken! Ma jafux li l-vittma qatt mhu tellief! Anke minn fuq is-salib, Ġesù bqajt tħawwadhom.

L-aktar ħaġa li biha ħsadt lil kulħadd minn fuq is-salib kienet meta ħfirt lil kulħadd għax ma jafux x'inhuma jagħmlu! U trid tassew ma tkunx taf x'qed tagħmel biex issallab lil min jagħmilek il-ġid! Li taħfer mhix dgħufija. Altru trid trid tkun bniedem ta' karattru sod u ta' fidi soda, biex taħfer lil oħrajn. Mhux faċli taħfer. Il-vera maħfra mhix biss meta tgħid lil xi ħadd, jiena naħfirlek, imma meta tiltaqa' ma' dik il-persuna u kull darba f'qalbek terġa' ġġeded l-maħfra għaliha. Bħall-imħabba, il-maħfra trid dejjem tiġi mġedda. Faċilment tibred. Ħafna jsibuha faċli jaħfru lill-oħrajn, imma diffiċli biex jaħfru lilhom infushom. Il-kisba tas-serenità personali titlob investiment spiritwali qawwi.

Kemm-il darba ħfirt lilek innifsek? Kemm-il darba xi ħadd talbek maħfra u dawwart wiċċek? Tibża' titlob maħfra lil xi ħadd? Min jaf kemm-il darba għidt fik innifsek u forsi anke mal-oħrajn: le ma nitlobx maħfra, ma naqax għalih/għaliha? Xi bluha! Taħseb li f'qalbek sa jkun hemm paċi! Billi titbissem u tidħaq, ma tħossokx attur f'teatru? Il-paċi tinkiseb biss b'maħfra sinċiera. Altru li trid tkun mimli mħabba u sod fil-fidi biex taħfer tassew. Il-ġenn tal-imħabba hu s-sies tal-maħfra. L-iblah mhux dak li ma jafx x'qed jagħmel, imma dak li jagħmel affarijiet li ħadt ma jifhimhom! Min jifhem il-ġenn tal-imħabba ta' Kristu għalina?

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba**: Mulej, ir-realtà tal-maħfra tkexkixni. Irrid minn jaħfirli,xi kultat inħossha iebsa wisq li naħfer lil oħrajn. Is-suppervja tiegħi ttaqqalni biex naħfer. Mulej, la nibża' naħfer nibża' nħobb fil-verità. Għini Mulej, fid-dgħufija tiegħi.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ.**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

**It-Tnax-il Stazzjon**

**Ġesù jmut fuq is-salib**



**Mill-Evanġeliju skont San Ġwann**

Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba tal-issopu, u ressuhielu lejn ħalqu. Kif Ġesù ħa il-ħall, qal: "Kollox hu mitmun"! Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu. ( Ġw.19: 29-30)

## Riflessjoni

Kollox mitmum. Ġesù miet, cioè qatluh! Għal bosta deher fallut. Inti taħseb li Ġesù għax miet għall-imħabba kien fallut? Jekk taħseb hekk, tassew nitħassrek! Tista' xi darba l-imħabba sinċiera tkun falluta?

Miet jagħti l-ħajja u jippurifika lid-dinja –ilma u demm ħarġu mill-kustat tiegħu. Miet biex isalva lil kulħadd, minkejja li kien jaf li mhux kulħadd irid isalva. Dan hu l-riskju u l-privileġġ tal-libertà.

Qalu li hu fallut! Fallut sabiħ! Minn huma l-falluti tas-soċjetà tal-lum? Għal bosta huma dawk li jinsew lilhom infushom, iħallu l-karriera tagħhom, iħallu kollox warajhom u jsegwu l-vuċi tal-Mulej. Għas-soċjetà dawn huma misteru. Għal xi wħud huma kkunsidrati falluti. Huma jmutu għad-dinja, biex int u jien nieħdu l-ħajja. Trid tibqa' mfakkar għas-suċċessi kbar tiegħek? Mut għalik innifsek u tara kif tibda t-triq tas-suċċess, mhux is-suċċess li tifhem bih id-dinja kontemporanja, imma s-suċċess li ma jintemm qatt – l-imħabba sinċiera lejn Alla u lejn kulħadd.

Tibza' tmut għalik innifsek? Trid li dejjem u f'kollox tgħaddi tiegħek. Trid li jkollok l-aqwa minn kollox. Trid li tkun magħruf/a? Trid tkun taf kollox jekk jista' jkun fuq kulħadd? Jekk int minn dan it-tip, altru li tibża' tmut għalik innifsek. Altru tibza' mis-silenzju. Altru li tipprova ġġb kull skuża biex toħnoq il-vuċi ta' Alla fik, li ma jmurx isejjaħlek għal warajh.Trid tagħmel ħoss fid-dinja – insa lilek innifsek. Ġesù għex ħajtu kollha f'Iżrael, f'mewtu ġie mislub barra l-ħitan ta' Ġerusalemm biex ikun kollox għal kulħadd. 'Kollox mitmun,' hu l-għerq tal-bidu ta' kollox. Bidu ta' ħajja ġdida mifdija bl-imħabba ta' Ġesù Kristu.

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba:** Nadurak O Ġesù msallab. Nirringrazzjak O Ġesù li mitt għalija. Għini, noħroġ mill-gaġġa tal-egoiżmu tiegħi u nkun aktar ġeneruż ma' Alla u ma' ħuti l-bnedmin.

## Glorja lill-Missier, lill-Iben u lill-ispirtu Santu...eċċ

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

**Tlettax-il Stazzjon**

**Ġesù mniżżel mis-salib**



**Mill-Evanġeliju skont San Luqa**

U kien hemm wieħed jismu Ġużeppi, membru tal-Kunsill, imma raġel tajjeb u ġust, li ma kienx qabel mal-membri l-oħra f'dak li riedu u f'dak li għamlu. Kien minn Arimatija, belt tal-Lhudija, u kien jistenna s-Saltna ta' Alla. Dan mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù, u niżżlu mis-salib...

(Lq. 23: 50-53)

## Riflessjoni

Ġesù niżluk mis-salib! Nimmaġinaw li poġġewk fi ħdan ommok. L-ebda kliem ma hu adegwat biex jiddeskrivi x-xena u s-sentimenti t'ommok Marija. F'din ir-realtà kollha, jidher Ġużeppi minn Arimatija. Ħabib fidil tiegħek. Bniedem kuraġġuż li għamel minn kollox biex jgħinek u jeħilsek mill-mewt hekk kiefra. Ġesù, jidher li Ġużeppi kien bniedem li emmen fik. Ġużeppi minn Arimatija kien bniedem tar-rispett. Ħabib ta' veru.

Il-bniedem għatxan għall-ħbiberija u fl-istess ħin jibża' minnha. Il-ħbiberija vera tirrikjedi ħafna miż-żewġ naħat. Int tibża' tkun ħabib tassew? Ħares ftit fil-profond lejn il-fedeltà u l-*commitment* bis-sħiħ ta' Ġużeppi minn Arimatija; żgur li għandu ħafna x'jgħallmek.Il-mixja tal-imħabba tkompli - għax l-imħabba iġġib aktar imħabba.

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba**:Mulej, għini nkun ħabib tassew.Ħabib li ma ninqediex bil-ħbiberija. Ħabib li ma nużax lil sħabi bħala sellum għall-vantaġġi tiegħi. Għini, nkun ħabib sinċier, ħabib kuraġġuż, ħabib li f'ħuti nara tassew x-xbieha tiegħek.

**Glorja lill-Missier,lill-Iben u lill-Ispirtu Santu...eċċ.**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

## Erbatax-il Stazzjon

### Ġesù midfun f’qabar ġdid



**Mill-Evanġeliju skont San Luqa**

[Ġużeppi minn Arimatija ] mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta’ Ġesù, niżżlu mis-salib, keffnu f’liżar, u qiegħdu f’qabar maqtugħ fil-blat, li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd. (Lq. 23:53)

## Riflessjoni

Ġesù difnuk f'qabar ġdid. Nafu li ebda qabar ma seta' jesgħek; inti li inti l-awtur tal-ħajja.

Is-skiet tal-qabar. Skiet li jserraħ. Skiet li minnu tinbet il-ħajja. Mis-skiet tal-qabar għall-qawmien mill-mewt; il-bidu ta' ħajja ġdida. Kollox fis-skiet.

Jaħsdek xejn is-skiet? Taf li s-skiet huwa b'saħħtu aktar mill-istess kliem. Tibżax mill-verità li s-skiet iġib miegħu. Is-skiet f'waqtu jġib il-ħajja. Naf li l-ħajja mgħaġġla; jekk trid li tgħix ħajja serena sib ftit ħin matul il-ġurnata u iskot minn kollox. Stieden lil Alla jidħol ġo qalbek. Mis-skiet fekond toħroġ il-ħajja u l-mixja tal-imħabba kompli...

## Pawsa għar-riflessjoni personali

**Talba:** Mulej Ġesù għini napprezza aktar is-skiet fil-ħajja tiegħi. Tħallinix nagħlaq widnejja u qalbi għall-verità li s-skiet biss jaf jurini biha.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben, lill-Ispirtu Santu...eċċ**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek u bil-mewt tiegħek inti fdejtna.

**Ħmistax –il Stazzjon**

**Ġesù jkun mill-imwiet**



**Mill-Evanġelju skont San Luqa**

Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew. Huma sabu l-ġebla mgerba minn quddiem  il-qabar; imma meta daħlu fil il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm. U kif kienu mħassbin fuq dan, f'daqqa waħda dehrulhom quddiemhom żewġt irġiel libsin jiddi. In-nisa, mimlijin bil-biża', baxxew għajnejhom lejn l-art, imma dawk qalulhom: "Il-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj." Mhuwiex hawn, imma qam. (Lq. 24:1-6)

**Riflessjoni**

Ġesù Kristu, żemmejt kelmetek, qomt tassew kif dejjem għidt. Ammen Ħallelujah.

Nemmen fik Mulej, wisq aktar għaliex qomt mill-imwiet u ta' dan għandna xhieda wkoll, mela l-fidi tiegħi FIK mhix fil-vojt. Inti qomt mill-imwiet biex turini li inti tassew Alla. Qomt biex turini li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra u qomt mill-imwiet biex tibqa' għal dejjem miegħi u magħna fl-Ewkaristija Mqaddsa. X'ferħ Mulej, int dejjem magħna. U l-mixja tal-imħabba tkompli...

Ammen. Ħallelujah.

**Pawsa għar-riflessjoni personali.**

**Talba:** Mulej fil-mumenti iebsin tal-ħajja fakkarni li int dejjem miegħi. Li inti qatt m'int ser tabbandunani, huwa jiena li nwarrbek, mhux int. Grazzi li bqajt magħna. Grazzi li qomt mill-imwiet. Qalbi tfur bil-ferħ meta niftakar f'min qed inpoġġi l-fiduċja tiegħi – F'Ġesù Kristu li bata, miet u qam mill-mewt għalija u għalina ilkoll. Ammen. Hallelujah.

**Glorja lill-Missier u lill-Iben; u lill-Ispirtu Santu..**

Nadurawk O Ġesù u nberkuk għax b'salibek,bil-mewt  u l-qawmien tiegħek inti  fdejtna.

## Tislima lil Ommna Marija

### Sliem għalik Sultana

Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Sliem għalik.

Lilek ingħajtu, aħna, turufnati, ulied Eva. Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f’dan il-wied tad-dmugħ.

Ejja mela, avukata tagħna; dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù frott imbierek tal-ġuf tiegħek, o ħanina, o pija, o ħelwa, Verġni Marija.

## Għall-bżonijiet tal-Papa u għall-bżonijiet tal-Knisja Universali

### Missierna:

Missierna li inti fis-Smewwiet,
jitqaddes Ismek,
tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art.

Ħobżna ta’ kuljum agħtina llum,
aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Amen.

### Sliema

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija. Il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù.

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina, midinbin, issa, u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen

**Glorja**

Glorja lill-Missier,
u lill-Iben,
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu,
issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Agħti O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem lill-mejtin kollha. Agħmel li huma jistrieħu fil-paċi. Ammen**

## Il-Kredu tal-Appostli

Jiena nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art;
u f'Ġesú Kristu, Ibnu wieħed Sidna;
li kien konċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni;
bata taħt il-ħaqq ta' Ponzju Pilat, sallbuh, miet u difnuh;
mat-tielet jum qam minn bejn l-imwiet;
tela' fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier, li jista' kollox;
minn hemm għandu jiġi biex jaħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.
Nemmen fl-Ispirtu s-Santu;
il-Knisja Mqaddsa Kattolika, ix-Xirka tal-Qaddisin;
il-maħfra tad-dnubiet;
il-qawma tal-imwiet;
il-ħajja ta' dejjem. Ammen

## Att ta’ Ndiema

Mulejja, Alla tiegħi, jisgħobbija b’qalbi kollha minn dnubieti ta’ ħajti kollha. Jisgħobbija, Mulejja, għall-ġenna li tlift u għal-infern li irbaħt; imma fuq kollox jisgħobbija għax regħextek u offendejtek inti li kollok tjieba u ħniena.

Inħobbok, Mulejja, inħobbok fuq kollox. Mil-lum ‘il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek, ma nidnibx qatt u qatt iżjed, u la mmur fejn dari nidneb, iżda naħrab ukoll minn dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub.